MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 142/2002/1

**Grezzju Ellul**

**vs**

**Joseph V. Spiteri bhala Direttur Generali tal-Kuntratti u Anthony Borg bhala Segretarju u dawn ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti; Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-6 ta` Frar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma ghamlet sejha ghal tenders, *"Tender – Excavation and Repair of Leakages CT/WSC/T/2001"*.

Fit-*Tender Adjudication*, it-tender ta` certu Charles Dimech gie aggudikat fl-ewwel post, fil-waqt li t-tender ta` l-attur Grezzju Ellul gie aggudikat fit-tieni post.

Skond il-kondizzjonijiet u specifications ta` dan it-tender:

*"2.1 General Description of Project"*
*The chosen Contractor will qualify to be given a Letter of Acceptance for the next 1000 leak marks (stage 2) if, and only if, over 90% of the work carried out in stage 1 successfully passes a one-time quality control inspection effected by the Corporation on a sample of the work completed. This QC inspection will cover a sample of a minimum of 25% (i.e. over 250 of the 1000 jobs) of the work in phase 1, and the chosen Contractor must have satisfactorily completed over 90% of this randomly chosen sample"*.

It-tender document stess kien jipprovdi kif ghandhom isiru l-imsemmija *Quality Control Inspection*:

*"The QC inspections shall assess the quality and timeliness of workmanship in all the Contractor`s field of operation, such as quality of leak repair, edge preparation, excavation, backfill, road reinstatement, etc"*.

L-inginiera tal-Korporazzjoni konvenuta stabbilew illi l-imsemmi Charles Dimech, li t-tender tieghu gie aggudikat fl-ewwel post fit-*tender adjudication*, kellu bejn tnejn u sittin fil-mija (62%) u erba` u sittin fil-mija (64%) xoghol mhux skond l-ispecifications, meta l-massimu permissibbli huwa ta` ghaxra fil-mija (10%).

Skond il-kondizzjonijiet ta` dan it-tender, il-kuntrattur Charles Dimech ma setax jinghata opportunita` ohra biex jirrettifika x-xogholijiet ghaliex it-*tender document* jghid espressament illi:

*"The chosen Contractor will not be allowed to request a second QC under the excuse that the faults found in the first QC could be easily rectified. In other words, the initial QC will be the decisive one …"*.

Minkejja din il-kundizzjoni espressa, fit-18 ta` Dicembru, 2001 waqt laqgha tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti ppresjeduta mill-konvenut Direttur Generali (Kuntratti) nnifsu, Joseph V. Spiteri, giet accettata l-kelma ta` Charles Dimech li qal illi kellu tmien (8) bicciet biss xoghol hazin filwaqt li giet skartata l-*Quality Control Inspection* maghmula mill-inginiera tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma li stabbiliet li kellu bejn 62% u 64% xoghol hazin.

Bl-accettazzjoni taghhom, il-konvenut Direttur Generali (Kuntratti) u l-Kumitat Generali tal-Kuntratti vvjolaw il-kundizzjoni 2.1 hawn fuq imsemmija u poggew lilhom infushom 'il fuq mit-Tender Document, li ghandu l-forza ta` ligi bejn il-partijiet.

It-*'tender document'* jipprovdi wkoll:

*"In the event that the Board confirms that the QC has failed, the Contractor will be charged the full cost of the QC effected by the Board, and will not be allowed to participate further in any of the remaining stages of the project. In this situation the Corporation will retain the full right to review the Tender Adjudication and Contractor selection process and shall re-allocate the project to another Contractor"*.

Ghalhekk il-progett kellu jigi ri-allokat lill-attur bhala l-kuntrattur li gie fit-tieni post fil-gradwatorja ghat-Tender CT/WSC/T/7/2001. Konsegwentement, l-attur gie ppregudikat bid-decizjoni tal-konvenut Direttur Generali (Kuntratti) u tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti li ttiehdet fil-laqghat tat-18 ta` Dicembru, 2001 bi ksur lampanti tal-kundizzjonijiet tat-Tender, u b`hekk sofra danni.

B`ittra tas-27 ta` Dicembru, 2001 l-attur gibed l-attenzjoni tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma ghal dawn l-irregolaritajiet, izda huwa baqa` minghajr twegiba.

Fit-18 ta` Jannar, 2002 l-attur ipprezenta Protest gudizzjarju kontra l-konvenut Joseph V. Spiteri bhala Direttur Generali (Kuntratti) u Anthony Borg (Segretarju) in

rapprezentanza tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti li permezz tieghu gab dawn l-irregolaritajiet a formali konjizzjoni taghhom u rrizerva li jistitwixxi proceduri gudizzjarji, izda dan il-Protest ukoll baqa` minghajr risposta.

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara illi bl-agir tad-Direttur Generali tal-Kuntratti u tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti d-drittijiet ta` l-attur gew miksura u b`hekk huwa sofra danni.

2. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-tliet (3) ittri privati tas-27 ta` Dicembru, 2001 u tal-Protest gudizzjarju tat-18 ta` Jannar, 2002, kontra l-konvenuti, li qeghdin jigi mharrka ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur Generali tal-Kuntratti u Kumitat Generali tal-Kuntratti li in forza taghha eccepew illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra tieghu ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Preliminarjament, l-attur ma ghandux *locus standi* fil-kawza. Illi minn imkien mill-*Specifications and Conditions for the Excavation and Repair of Leakages on the Districution Network*, ma jinghata xi dritt assolut lill-attur fuq l-offerta in kwistjoni.

Infatti mill-kondizzjoni numru 2.1 ta` l-*“Specifications and Conditions for the Excavation and Repair of Leakages on the Districution Network”*, tohrog cara illi kemm il-darba il-

kontrattur kurrenti jitwaqqaf milli jkompli bix-xogholijiet, il-Korporazzjoni ghandha dritt li taghzel kuntrattur iehor, izda il-Korporazzjoni mhix obbligata li taccetta l-offerta ta` xi kuntrattur partikolari u ghaldaqstant il-pretenzjoni li l-attur **bi dritt** jinghata l-kuntratt hija ghal kollox frivola.

2. Sekondarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-agir tal-konvenuti kien wiehed gust kif huwa spjegat fid-dikjarazzjoni mahlufa u annessa ta` dan l-att gudizzjarju, u ghaldaqstant ma ghandhomx iwiegbu ghal ebda allegazzjoni ta` danni mressqa kontra taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tac-Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Minn imkien, la mic-citazzjoni u lanqas mid-dikjarazzjoni guramentata ta` l-attur annessa ma` l-istess citazzjoni, ma jirrizulta x`inhu l-agir tal-eccipjent li minnu qieghed jilmenta l-attur u li minhabba fih l-istess attur allegatament sofra danni;

2. L-ewwel talba ta` l-attur hija maghmula fil-konfront tad-Direttur Generali tal-Kuntratti u tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti, u l-eccipjent bl-ebda mod m`hu nkluz f`din l-ewwel talba, li, ghalhekk, m`ghandhiex u ma tistax tintlaqa` fil-konfront ta` l-istess eccipjent;

3. Ghalhekk, it-tieni, it-tielet, u r-raba` talba ta` l-attur, liema talbiet isegwu u jistghu jigu milqugha biss jekk tintlaqa` l-ewwel talba, ma jistghux jintlaqghu fil-konfront ta` l-istess eccipjent;

4. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jirrizulta mill-bran tat-*“tender document”* citat mill-attur innifsu, cioe’ *“the Corporation … shall re-allocate the project to another contractor”*, illi kuntrattur iehor mhux necessarjament kellu jkun l-attur;

5. L-eccipjent dejjem agixxa skond il-ligi fl-ghoti tal-kuntratt *de quo*;

6. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, l-eccipjent m`ghamel l-ebda agir li permezz tieghu kiser jew seta` kiser id-drittijiet ta` l-attur;

7. Ghalhekk, it-talbiet attrici, fil-konfront tal-eccipjent, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur;

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f`din il-kawza l-attur qed jilmenta minn decizjoni tal-konvenuti li, wara li aggudikaw tender favur certu Charles Dimech, liema aggudikazzjoni kienet tikontempla l-ghoti tat-tender f`zewg fazijiet, it-tieni fazi tkun kondizzjonata ghat-twettiq b`diligenza tax-xoghol kontemplat fl-ewwel fazi, huma xorta wahda ghaddewlu x-xoghol kontemplat fit-tieni fazi, avvolja kien jirrizulta li x-xoghol tal-ewwel fazi ma kienx sar bid-debita attenzjoni. Ix-xoghol kontemplat f`din it-tender kien jikkonsisti f`tiswija ta` leakages fil-mains tal-ilma li jkunu ghaddejja taht it-toroq ta` Malta, u biex jissewwew il-leakages, ikun hemm bzonn, ovvjament, li t-toroq jithafru jinqalgha t-terrapin, u, wara li jsir ix-xoghol mehtieg ta` tiswija fil-mains ta` l-ilma, li t-triq terga tintela u tigi asfaltata ghad-dritt; dan ix-xoghol kellu jaghmlu kollu l-kuntrattur li jiehu t-tender.

Ix-xoghol kopert bit-tender kien jikontempla 2000 job ta` tiswija, liema xoghol gie maqsum f`zewg fazijiet ta` 1000

job il-wiehed. Skond il-kondizzjonijiet u l-ispecifications ta` dan it-tender, gie patwit illi:

*"2.1 General Description of Project*
*The chosen Contructor will qualify to be given a Letter of Acceptance for the next 1000 leak marks (stage 2) if, and only if, over 90% of the work carried out in stage 1 successfully passes a one-time quality control inspection effected by the Corporation on a sample of the work completed. This QC inspection will cover a sample of a minimum of 25% (i.e. over 250 of the 1000 jobs) of the work in phase 1, and the chosen Contractor must have satisfactorily completed over 90% of this randomly chosen sample"*.

L-istess tender document kien jipprovdi li t-testijiet dwar Quality Control kellhom jassessjaw ix-xoghol kollu kompriz fit-tender, u kien kontemplat illi:

*"The QC inspections shall assess the quality and timeliness of workmanship in all the Contractor`s field of operation, such as quality of leak repair, edge preparation, excavation, backfill, road reinstatement, etc"*

F`dak il-kaz, kif kontemplat fit-tender, wara aggudikazzjoni favorevoli favur Charles Dimech, dan inghata l-ewwel 1000 job ta` leakage repair. Wara li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma giet infurmata li dan ix-xoghol gie komplut, hija baghtet l-inspectors taghha biex jezaminaw ix-xoghol u jaghmlu Quality Control tieghu skond il-kondizzjonijiet ta` l-istess award of tender.

Skond il-kundizzjoni aktar qabel indikata, kellhom jigu ezaminati 250 ta` l-ewwel 1000 job ta` l-ewwel fazi, u biex il-kuntrattur ikun intitolat jiehu x-xoghol kontemplat fit-tieni fazi, huwa jkun irid wettaq xoghol sodisfacenti f`90% tas-sample. Dan ifisser li l-kuntrattur ma jitlifx id-dritt ghax-xoghol indikat fit-tieni fazi jekk l-ammont ta` xoghol hazin ma jissuperax l-10% fuq is-sample ta` 250, cioe`, mhux aktar minn 25 job fuq l-ewwel elf. F`kaz li l-kuntrattur iwettaq xoghol hazin f`aktar minn 25 job, huwa ma jkunx

intitolat li jinghata x-xoghol kontemplat fit-tieni fazi tat-tender.

Mill-inspections li wettqu l-inginiera tal-korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma, irrizulta li l-kuntrattur naqas milli jesegwixxi xoghol adegwat fi 62 job, figura li teccedi bil-kbir il-limitu ta` 25 koncess fit-tender document. Fil-fatt, l-Inginier Mark Perez, fir-rapport li hejja ghall-konsiderazzjoni tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma u tal-Kumitat tal-Kuntratti Generali, ikkumenta hekk:

*"Up to new 975 jobs have been carried out.*
*100 jobs were inspected.*
*42 jobs were found not to be to our satisfaction (see min 103 from Ing.s. Curmi Operations Engineer Water Audit)*
*62 jobs already exceeds the permitted no. of unsatisfactory jobs of 25 hence the contractor has failed to satisfy clause 2.1 of the contract.*

*In line with contract specifications and conditions no further LA`s can be issued to C. Dimech. Further an adjudication report, considering other offers is to be carried out to select the next contractor"*

Dawn it-testijiet ma gewx kontestati mill-kuntrattur u ebda parti ma qajjem xi dubju dwar il-veracita` u l-affidabilita` ta` dawn it-testijiet u r-rizultati li taw.

Fid-dawl ta` dan ir-rapport, il-file relattiv rega` ghadda f`idejn il-Contracts Committee sabiex dawn jiddiliberaw x`kellu jkun l-istadju li jmiss. Skond kundizzjoni ohra ta` l-istess tender document jinghad illi:

*"In the event that the Board confirms that the QC has failed, the Contractor will be charged the full cost of the QC effected by the Board, and will not be allowed to participate further in any of the remaining stages of the project. In this situation the Corporation will retain the full right to review the Tender Adjudication and Contractor selection process and shall re-allocate the project to another Contractor"*.

F`parti ohra tat-tender documents jinghad u gie enfasizzat illi:

*“You will be awarded the LA for subsequent of 1,000 jobs jobs only following the confirmation by the Corporation that the previous batch has been completed in compliance with clause 2.1 of the tender specification re quality control. Failure to abide fully by clause 2.1 will automatically mean the forfeiting of all subsequent work batches”*.

Meta l-kaz gie biex jigi diskuss quddiem il-Kumitat tal-Kuntratti, il-kuntrattur koncernat, certu Charles Dimech, inghata smiegh (kif kien gust u xieraq li jsir), u l-Kumitat, b`approvazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, iddecieda, nonostante r-rapporti imhejjija mill-enginiera tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, li xorta wahda jaghti lill-kuntrattur ix-xoghol koncess mat-tieni fazi. F`dik il-laqgha gie registrat is-segwenti:

*“Mr. Dimech stated that only eight jobs were considered as unsatisfactory owing to defective workmanship on the actual repair of the leakages. Other works considered unsatisfactory to the Corporation engineers were related to the reinstatement of the trenches dug up in connection with leakage repair works. Mr. Dimech continued that he had traced the defective workmanship to a particular gang in his employment and had immediately transferred this gang to perform other works while bringing in another gang for the leakage repair works. He further promised more meticulous and constant supervision on his gangs for the future.*

*The Committee accepted Mr Dimech`s explanations on past deficiencies and his promise of a better performance for the future, and agreed to approve award of work on a further 1000 leak repair jobs to this same contractor”*.

L-ispjegazzjoni li ta` d-Direttur tal-Kuntratti Generali ghala l-Kumitat u hu hadu din il-linja kienet tikkonsisti fil-fatt illi l-kuntratt kien, principalment, immirat ghat-tiswija ta` leakages u, ghalhekk, huma ghamlu enfasi fuq il-fatt illi l-

aspett primarju tax-xoghol huwa li tissewwa il-hsara biex ma jkunx hemm hela ta` ilma. Irrizulta, skond id-Direttur, illi l-kuntrattur ma falliex il-Quality Control Exercise ghalhiex in-numru ta` leakages li ma ssewwex kif mitlub kien ta` erbgha u tmienja biss, u dan kif jirrizulta mir-rapport maghmul mill-inspectors tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Hu jghid ukoll li klawsola simili f`tender document kienet, sa fejn jaf hu, l-ewwel darba li ddahlet f`kuntratt, u kwindi la l-inspectors u lanqas il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma innifisha ma kienu jafu jew kellhom esperjenza kif tigi interpretata il-klawsola relattiva. Hu spjega li fil-kriterju tat-test li kellu jsir mill-inspectors, fost il-kunsiderazzjonijiet li kellhom jittiehdu, tpogga, fl-ewwel post, *"quality of leak repair"*, u, ghalhekk, din il-konsiderazzjoni kellha tinghata hafna aktar piz u importanza mill-konsiderazzjonijiet sussegwenti, cioe`, *"edge preparation, excavation, backfill, road reinstatement"* u fatturi ohra.

Din il-Qorti assolutament ma taqbilx mal-argumenti tad-Direttur u tal-Kumitat tal-Kuntratti Generali, u tqies li dawn imorru oltre dak li kien mitlub minnhom u, fid-decizjoni taghhom, hadu in konsiderazzjoni fatturi li ma kellhomx jiehdu. Il-kuntratt in kwistjoni kien kuntratt wiehed li jikontempla xoghol ta` tiswija ta` kanen ta` l-ilma u thaffir u irrangar ta` toroq. Hu veru li l-iskop tal-kuntratt hu biex jissewwew leakages, pero`, il-kuntrattur ma inghatax biss dan l-inkarigu, izda kellu hu stess jiehu hsieb il-qtugh tat-tarmac, it-thaffir ta` trench, u, wara t-tiswija, il-milli u l-invellar tal-istess triq. Dan kollu kien parti mill-kuntratt wiehed, u ghal dan ix-xoghol kollu l-kuntrattur kien se jithallas b`rati stabbiliti. Il-kuntratt innifsu ma jaghmel ebda differenza bejn ix-xoghol ta` tiswija tal-leakage u x-xoghol ta` thaffir u irrangar tat-triq, u dan ix-xoghol <u>kollu</u> kien soggett ghat-test ta` Quality Control, minghajr distinzjoni jew enfazi fuq xi parti jew ohra mix-xoghol.

Id-Direttur u l-Kumitt tal-Kuntratti ma kellhom ebda dritt jiddeciedu huma liema minn fost ix-xogholijiet li kellu jaghmel il-kuntrattur, jiehdu preferenza fuq ohra. Il-kuntrattur ma kellux biss jsewwi l-leakage, izda, fuq kollox, jirripristina t-triq fl-istat li kienet. Hawn bizzejjed toroq

f`Malta li huma mimlija hofor u hotob, u wara li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma hadet il-briga biex tenfasizza li anke ix-xoghol ta` twittiq tat-toroq kien soggett ghal Quality Control Test, id-Direttur u l-Kumitat tal-Kuntratti ghogobhom jinjoraw dan il-fattur u jikkoncentraw biss fuq jew taw piz esageratament qawwi lill-fattur ta` tiswija tal-kannen biss. Kumment li ghamel id-Direttur Generali tal-Kuntratti (li mhux rekordjata izda mismugha mill-Gudikant) li *"hawn Malta m`hawx triq wahda li hi lixxa!"*, tindika l-mod kif hu ittratta din il-parti tax-xoghol li wettaq il-kuntrattur. Kien precisament biex jonqsu l-ilmenti fuq it-toroq ta` Malta li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma dahlet dik il-klawsola, u d-Direttur ma kellux jisstultifika dan l-impenn li hadet il-Korporazzjoni.

Id-Direttur spjega li ovvjament hu obbligu tal-kuntrattur li jirranga xoghol hazin li hu wettaq fit-toroq, pero`, dan mhux punt li kellu jittiehed in konsiderazzjoni, ghax jekk il-kuntrattur zbalja, ma kellux jinghata x-xoghol konness mat-tieni fazi, anke jekk d-difetti setghu jittrangaw. Fil-fatt, kondizzjoni ohra ta` l-istess tender document tghid li:

*"The chosen Contractor will not be allowed to request a second QC under the excuse that the faults found in the first QC could be easily rectified in other words, the initial QC will be the decisive one…"*

Il-konsiderazzjoni li d-Direttur u l-Kumitat kellu jiehu ma kienetx jekk id-difetti setghux jew le jigu rrangati, jew jekk il-kuntrattur jimpenja ruhu jew le li xoghol iehor jaghmlu b`aktar attenzjoni, izda, jekk, bhala fatt, il-kuntrattur *"wehilx"* jew le mill-Quality Test. Din id-decizjoni kellu jehodha l-Bord, izda ma kellux diskrezzjoni assoluta; kellu jgharbel ir-rapporti kollha tal-inspectors in kwistjoni, u kellu jiddeciedi jekk, a bazi ta` dawk ir-rapporti il-kuntrattur wettaqx hamsa u ghoxrin job diffettuz, bl-espressjoni *"job"* tfisser, il-kuntratt kollu mehud *as a whole*, u mhux partijiet minnu! Il-kuntrattur mhux isewwi l-leakages biss kellu jaghmel, izda kellu wkoll jirranga t-triq fl-istat li kienet, u dan ix-xoghol kien kollu importanti, u la l-kuntratt m`ghamilx differenza, ix-xoghol fuq il-kannen u fuq it-triq

kellhom, tal-anqas, jinghataw l-istes importanza, u x-xoghol hazin fuq it-triq (u f`dan il-kaz, jirrizulta li x-xoghol fuq it-toroq sar, fil-parti l-kbira tal-kazijiet, kollu hazin), ma kellux jinghata anqas importanza mit-tiswija innifisha tal-leakage.

Il-funzjonijiet u l-poteri tad-Direttur Generali tal-Kuntratti huma vasti u impenjattivi, pero`, ghalkemm hu ghandu l-poter jivvettja t-tender documents u jbiddel u jzid kundizzjonijiet inseriti fl-istess kuntratt, ma jistax, darba li jigi konkluz kuntratt, ivarja t-termini tal-kuntratt jew jinterpreta l-istess kuntratt b`mod li jiznatura l-iskop ahhari tal-kuntratt. Il-poteri tad-Direttur Generali tal-Kuntratti jinsabu elenkati fir-Regolamenti tal-1996 dwar l-Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku (Avviz Legali 70/96) li, kif jiddisponi l-artikolu 4, dawn jistabbilixxu *“il-limiti tas-setgha li ghandu d-Direttur”*. L-artikolu hamsa jghaddi biex imbaghad jelenka l-funzjonijiet tad-Direttur, li huma:

*(a) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet generali tal-kuntratt dwar hwejjeg elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma` dawn ir-regolamenti u li jippubblikom skond ma hemm fl-istess skeda;*

*(b) jawtorizza differenzi minn specifikazzjonijiet u kondizzjonijiet standard (sew jekk dawn ikunu teknici jew xort`ohra) li jkunu se jiddahhlu fid-dokumenti ta` l-offerti;*

*(c) jizgura li l-kondizzjonijiet u l-ispecifikazzjonijiet ta` l-offerti ma jkunux jaghtu vantagg jew zvantagg mhux misthoqq lil xi fornitur partikolari;*

*(d) jifli u japprova (b`xi tibdil jew minghajr ebda tibdil) dokumenti ta` l-offerti, qabel ma dawn jinhargu u jigu pubblikati;*

*(e) jizgura li kull sejha ghal offerti tigi reklamata adegwatament u li jithalla jghaddi zmien bizzejjed sakemm jiddahhlu l-offerti;*

*(f) jippubblika fil-Gazzetta avviz dwar kull accettazzjoni ta` offerti, inkluzi l-varjazzjonijiet ‘l hinn mil-limitu tal-*

*kundizzjonijiet tal-offerti, fi zmien erba` xhur mill-accettazzjoni taghhom;*

*(g) jifformula, bi ftehim mal-Kumitat tal-kuntratti Generali u skond ir-regoli stipulati fit-Tieni Skeda li tinsab ma` dawn ir-regolamenti, f`dawk l-oqsma li huwa jista` jistabbilixxi, listi maghzulin ta` kuntratturi kwalifikati li jistghu jinghatawlhom kuntratti f`dawk l-oqsma;*

*(h) jistabbilixxi u jirregola l-procedura li ghandha tgi adottata matul il-laqghat tal-Kumitat tal-Kuntratti u tal-bordijiet dipartimentali, u fil-hrug u l-pubblikazzjoni ta` sejhiet ghal offerti, dhul ta` offerti, ftuh ta` offerti, l-ezami ta` l-offerti u l-ghoti ta` kuntratti;*

*(i) jissorvelja l-htigijiet ta` akkwisti li jkun irid jaghmel il-Gvern, u, wara li jinhargu s-sejhiet ghal offerti dovuti, jaghmel kuntratti perjodici kif ikun mehtieg;*

*(j) jikkonsidra u japprova l-hatra ta` kuntratturi ghal provvisti, xogholijiet jew servizzi ghal perijodi specifici bi prezzijiet, rati u kundizzjonijiet approvati;*

*(k) jiddeciedi dwar ilmenti fuq il-hrug ta` offerti u l-ghoti ta` kuntratti li jsiru minn persuni li jkollhom interess skond ma hemm fit-Tielet Skeda li tinsab ma` dawn ir-regolamenti, u jiddeciedi dwar il-proceduri ghal dawk l-ilmenti li ma jkunux mod iehor provdut dwarhom f`dik l-iskeda;*

*(l) jikseb taghrif minn dipartimenti tal-Gvern jew min organizzazzjonijiet ohra li ghalihom japplikaw dawn ir-regolamenti dwar l-ghoti ta` kuntratti dipartimentali, ordnijiet ta` varjazzjoni, penali (imposti jew mahfura) u b`mod generali hekk kif jista` jqis li jkun mehtieg sabiex huwa jkun jista` jwettaq il-funzjonijiet tieghu taht dawn ir-regolamenti;*

*(m) japprova, fejn ikun il-kaz, kif provdut fir-Raba` Skeda li tinsab ma` dawn ir-regolamenti, varjazzjonijiet 'l hinn mill-limiti tal-kundizzjonijiet tal-offerti;*

*(n) jissorvelja l-ezekuzzjoni xierqa ta` kuntratti minnu moghtija, u, bil-parir tal-Kumitat tal-Kuntratti Generali, jimponi jew jahfer, kif jidhirlu, penali dovuti fuq dawk il-kuntratti; u*

(o) *jibda kull procediment li jista` jkun mehtieg ghar-rigward ta` kuntratt moghti minnu".*

Fost dawn il-funzjonijiet, ma nsibux li hu jista jinterpreta kuntratt billi, minn fost id-diversi ghanijiet tieghu, jaghzel dak li jhoss li hu importanti, u jinjora dak li hu daqstant importanti biex jintlahaq l-iskop tal-kuntratt <u>kollu</u>. Ovvjament, fatturi li huma sekondarji u ta` importanza zghira, ghandhom hekk jigu kkunsidrati mid-Direttur u l-Kumitat, pero`, ma jistghux iqiesu bhala ta` importanza sekondarja dak li hu importanti ghat-twettiq tal-kuntratt. Din il-Qorti ma tistax u mhiex se tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tad-Direttur u tal-Kumitat tal-Kuntratti Generali, izda ghandha tqies li dik id-diskrezzjoni tkun ezercitata skond il-ligi, u fuq kollox, skond it-termini tal-kuntratt li kien gie konkluz mat-terzi, fl-interess tal-pubbliku in generali u fl-interess ta` min ikun milqut direttament bl-esercizzju ta` dik id-deskrizzjoni.

Skond il-kuntratt, il-Bord kellu *"jikkonferma"* jekk il-kuntrattur ghadhiex jew le mill-Quality Control Exercise, izda din id-decizjoni kellu jehodha fil-kuntest tal-kuntatt fl-assjem tieghu u tal-iskopijiet <u>kollha</u> tal-istess kuntratt, u cioe`, it-tiswija tal-kanen li jkunu qed jilleakjaw u l-ippristinar tat-toroq. Hu rilevanti ukoll li l-kuntratt juza l-kelma *"confirms"* u mhux *"decides"*, meta jghid li, *"In the event that the Board confirms that the QC has failed…"*. Dan iffisser li l-Bord ma kellux funzjoni li jiddeciedi jekk il-kuntrattur ghadhiex jew le mill-kontrolli ta` kwalita` li saru, imma biss li jikkonferma dan a bazi tar-rapporti tal-inspectors, u meta, minn dawn ir-rapporti, kellu indikazzjoni cara li x-xoghol fuq it-toroq sar, fil-maggoranza kbira ta` kazijiet, mhux skond l-arti u s-sengha u mhux skond il-kuntratt, kellu *"jikkonferma"* li l-kuntrattur, bhala fatt, wehel il-Quality Control Test u jghaddi biex japplika l-provedimenti tal-istess kuntratt.

Li l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni f`materja simili gie deciz fl-affermattiv diversi drabi mill-Qrati Inglizi. Lord Wilberforce fil-The Tameside Case, deciza mill-House of Lords fl-1977 intqal:

*"If a judgement requires, before it can be made, the existence of some facts, then, although the evaluation of those facts is for the Secretary of State alone, the court must inquire whether those facts exist, and have been taken into account, whether the judgement has been upon a proper self-direction as to those facts, whether the judgement has not been made upon other facts which ought not to have been taken into account. If those requirements are not met, then the exercise of judgement, however bona fide it may be, becomes capable of challenge"*.

F`kaz iehor ("Smith vs Inner London Education Authority", deciza ukoll mill-House of Lords fl-1978), l-istess Lord Wilberforce kien accetta dak li qal Lord Denning MR f`kawza ohra, u cioe`, li l-Qorti tintervjeni kull meta l-Ministru jew Tribunal *"plainly misdirects himself in fact or in law"*. Dak hu precisament dak li ghamlu l-Kumitat u d-Direttur f`dan il-kaz meta ikkommettew ruhhom li jaraw biss id-difetti fit-tiswija tal-leakages, u mhux id-difetti fl-esekuzzjoni totali tal-kuntratt. Anke jekk hasbu li kellhom il-poter jagixxu hekk, din il-Qorti tista` tintervjeni meta dak l-esercizzju jkun zbaljat, ghax kif tajjeb osservaw l-awturi Wade & Forsyth, fil-ktieb *"Administrative Law"* (Oxford Press, 7th Edit, pag. 304):

*"The break-through made by Anisminic was that, as respects administrative tribunals and authorities, the old distinction between errors of law that went to jurisdiction and errors of law that did not, was for practical purposes abolished. Any error of law that could be shown to have been made by them in the course of reaching their decision on matters of fact or of administrative policy would result in their having asked themselves the wrong question with the result that the decision they reached would be a nullity".*

Fil-fatt, Lord Pearce fil-kawza indikata, The Anisminic Case (deciza mill-House of Lords fl-1969) qal li:

*"while engaged on a proper inquiry … the tribunal may … ask itself the wrong questions; or it may take into account matters which it was not directed to take into account. Thereby it would step outside its jurisdiction"*.

Kien fid-dawl ta` dan l-izvilupp li l-awtur B.L. Jones (*"Garner's Administrative Law",* Butterworths, 7th Edit. pag. 133) jghid:

*"It is not, therefore, surprising that the courts have held that their power to review decisions of tribunals extend not just to their proper composition and the nature of the cases they hear, but also to their decision on points of substance in hearing cases and reaching decisions"*.

Dan ir-review huwa kontemplat wkoll fl-artikolu 469A(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, ghalkemm dan l-artikolu ma hu invokat minn ebda parti f`dawn il-proceduri.

Fil-fehma tal-Qorti, d-Direttur tal-Kuntratti wera prepotenza meta qies li l-Korporazzjoni ghas-Servizz ta` l-Ilma ma kellhiex *"esperjenza"* bizzejjed fit-thaddim tal-klawsola in partikolari, izda ghada biex iddisektja l-kuntratt kif qies hu dak li kien importanti u dak li ma kienx, u dan meta, *ex admissis*, lanqas hu ma qatt qabel ikkunsidra klawsola simili. Kif inghad, id-Direttur ma kellux iqies t-tiswija tat-toroq bhala ta` importanza sekondarja, ghax l-interess generali jirrikjedi mhux biss provista ta` ilma adegwata, izda ukoll toroq tajbin u livellati, u kuntrattur li mhux kapaci jipprovdi dan, m`ghandux jigi kkunsidrat ghal xoghol iehor.

Trattandosi ta` klawsola *"gdida"*, id-Direttur messu, tal-anqas, irreferira l-kaz ghad-decizjoni tal-Ministru koncernat. Fil-fatt l-Artikolu 14(i)(b) tal-imsemmija Regolamenti jipprovdu illi:

*"meta –*

*(i) id-Direttur ma jaqbilx ma` rakkomandazzjoni tal-maggoranza tal-membri ta` Kumitat tal-Kuntratti: jew*

*(ii) rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kuntratti tkun differenti minn dik li tintghamel mid-dipartiment jew minn korp iehor li ghalih ghandu jsir l-akkwist,*

*id-Direttur jista` jirreferi l-kwistjoni sabiex jiddecidiha l-Ministru"*.

Il-kaz in kwistjoni jaqa` precis fil-kuntest ta` dak kontemplat fil-kaz numru (ii), u ghalkemm id-decizjoni jekk il-materja tigix riferita lill-Ministru jew le hija fakoltattiva ghad-Direttur, mehud konsiderazzjoni tal-fatt li din kienet l-ewwel darba li kellu jikkunsidra l-effetti ta` klawsola simili, riferenza lill-Ministru kienet tkun flokha. Zgur li d-decizjoni li ha li jispezza l-kuntratt fit-tnejn, u ma jqies dak li hu importanti ghat-twettiq tieghu, hija decizjoni hazina li ghandha tigi mhassra.

Fejn din il-Qorti taqbel mal-konvenuti hija fejn jinghad li t-thassir tad-decizjoni tal-Kumitat u tad-Direttur m`ghandhiex, necessarjament, twassal ghall-ghoti tal-kuntratt lis-second-placed tenderer, li, f`dan il-kaz, hu l-attur. Il-kuntratt ma jipprovdix dan, izda jipprovdi li, fil-waqt li l-kuntrattur li jkun *"wehel"* fl-ewwel fazi, jigi eliminat, il-Korporazzjoni ghas-Servizz ta` l-Ilma ghandha taghmel *"review"* tat-Tender Adjudication and Contractor Selection Process *"and shall re-allocate the project to another Contractor"*. Inoltre, qabel ma jsir dan ir-*"review"* indikat, ma jistghax jinghad li l-attur sofra xi danni, u l-interessi tal-attur jigu sodisfatti billi, f`dan l-istadju, il-Qorti tghaddi biss biex thassar u tannulla d-decizjoni li ha l-Kumitat tal-Kuntratti Generali u d-Direttur Generali fit-18 ta` Dicembru, 2001, fuq il-kaz intestat *"Excavation and Repair of Leakages (EX-WSC/T/7/2001 and CT2123/2001)",* u dak kollu li sar bhala konsegwenza ta` din id-decizjoni, u terga tpoggi s-sitwazzjoni tat-tender fil-pozizzjoni li kienet qabel ma ittiehdet dik id-decizjoni issa annullata. Din id-decizjoni, ovvjament, tirriavviva l-interess u l-potenzjal tal-attur f`din it-tender partikolari, u f`dan il-kuntest tqies li l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali u

Kumitat tal-Kuntratti Generali bhala mhux imsejsa fid-dritt, peress illi l-attur ghandu interess ghar-rimedju hawn moghti lilu li tpoggieh f`sitwazzjoni li jkun jista` jerga jkkompeti ghal-fazijiet ulterjuri tat-tender.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, wara li kkunsidrat it-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha sollevati, tiddeciedi li ma tiehux konjizzjoni tal-ahhar parti tal-ewwel talba u tat-tieni, t-tielet u r-raba` talbiet attrici, pero`, tilqa` in parte l-ewwel talba tal-attur u thassar u tannulla d-decizjoni li ha l-Kumitat tal-Kuntratti Generali u d-Direttur Generali tal-Kuntratti fit-18 ta` Dicembru, 2001, fuq il-kaz intestat *“Excavation and Repair of Leakages (Ex-WSC/T/7/2001 and CT 2123/2001)”*, u dak kollu li sar wara bhala konsegwenza ta` din id-decizjoni, u terga` tpoggi lill-partijiet fis-sitwazzjoni li kienet tezisti qabel ma ittiehdet dik id-decizjoni issa annullata, u dan peress li b`dik id-decizjoni gew miksura d-drittijiet tal-attur; u tirriserva lill-attur kull dritt iehor, inkluz dak ghad-danni, *si et quatenus*.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti Kumitat tal-Kuntratti Generali u mid-Direttur Generali tal-Kuntratti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------